**FIL-QORTI CIVILI**

**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 8 ta' Jannar 2021.**

**Rikors nru: 44/2020 AGV ;**

**AB**

**Vs**

**CD u ED, Direttur tar-Registru Pubbliku, Dr Joseph Brincat u PL Nadine Farrugia, bhala kuraturi deputati ghall-minuri F illum maghruf bil-kunjom D, nominati b' digriet tal- 20 ta' Ottubru 2020.**

**Il-Qorti,**

**Rat ir-rikors guramentat tar-rikorrent datat 20 ta' Frar 2020, fejn espona bir-rispett u ikkonferma;**

1. Illi r-rikorrenti ghandu relazzjoni mal-intimata CD.

2. Illi l-intimat CD u ED kienu mizzewwgin u ghaddejjin bi proceduri legali sabiex jisseperaw, liema proceduri ghandhom pendenti.
3. Illi fis- 26 ta' Mejju 2017 fiz-zmien meta r-relazzjoni bejn C u ED kienu bdew proceduri legali ghal seperazzjoni, ir-rikorrent u l-intimata C kellhom tarbija li nghata l-isem ta' F;
4. Illi l-imsemmi F gie registrat fl-att tat-twelid 4644 tal- 2017 (Dok. A) bhala iben l-intimati C u ED;
5. Illi ghalhekk ir-rikorrenti ha l-passi necessarji sabiex isiru testijiet ta' DNA relattivi sabiex b' hekk tigi kkonfermata ir-relazzjoni tal-paternita' bejnu u il-minuri F maghruf bil-kunjom D;
6. Illi effetivament mir-rapport relattiv ghall-imsemmija testijiet datati 20 ta' Gunju 2019 u redatt minn Dr. Marisa Cassar , Laboratory and Technical, Manager fi hdan MLS Bio DNA Limited, irrizulta illi r-rikorrent huwa l-missieri bijologiku ta'F maghruf bil-kunjom D (hawn anness kopja ta' dar-rapport, esebit u mmarkat Dok. B);
7. Illi ghaldaqstant ir-rikorrenti irid illi l-imsemmi minuri F maghruf bil-kunjom D ma jibqax maghruf bhala iben ED, stante illi kjarament mhux ibnu;
8. Illi r-rikorrenti ghandu interess li tigi dikjarat l-paternita' rejali tal-minuri F;
9. Illi huwa ukoll fl-ahjar interess tal-minuri illi tigi stabbilita l-paternita' reali;
10. Illi dal-fatti kif hawn fuq indikati, huma a diretta konxxenza tar-rikorrent;

Ghalhekk ir-rikorrenti qieghed jaghmel dil-kawza sabiex dil- Onorabbli Qorti joghgboha tiddikjara li l-minri FD huwa iben ir-rikorrenti, u tornda illi ssir korrezzjoni necessarja fl-atti tat-twelid relattiv. Stante li jirrizulta

kjarament illi hemm relazzjoni ta' paternita' bejn ir-rikorrenti l-imsemmi minuri.

**Ghaldaqstant,** ir-rikorrenti in vista ta dak kollu fuq premess, jitlob lill-kovenuti jridu ghaliex dina l-Onorabbli Qorti ma ghandhiex;

1. Prevja kull dikjarazzjoni u kull test necessarju u bl-opera occorendo, ta' periti nominandi, tiddikjara illi l-minuri F maghruf bil-kunjom D, huwa iben ir-rikorrent, u mhux iben ir-rikorrent mhux iben il-konvenut ED.
2. Tordna li l-att tat-twelid numru 4644 tas-sena 2017 jigi korrett fis-sens illi jigi imnehhi mil-kolonni rigwardanti, taghrif dwaa missier it-tarbija, isem u kunjom l-konvenut ED, il-professjoni, l-eta' u l-konnotati dwar fejn l-istess konvenut fejn twieled u joqghod u dwar missier il- konvenut, u tigi inkluza isem u kunjom ir-rikorrent, b' mod li t-tarbija F jigi dikjarat iben AB, u billi jigi ordnat lil-intimat Direttur tar-Registu Pubbliku, illi jaghmel dawn il-korrezzjonijiet u annotazzjonijiet, u kull korrezzjoni u annotazzjoni relattiva u necessarja fl-imsemmija att tat-twelid.

Rat li l-konvenuta CD ma ppresentatx risposta izda ddikjarat fil-Qorti fil-miftuh li hi qed taqbel mat-talbiet attrici.

Rat li l-konvenut l-iehor, ED, debitament notifikat, ma pprezentax risposta entro t-terminu, u ghalhekk huwa kontumaci.

Rat li fis-seduta tal-10 ta' Dicembru, 2020, l-attur irtira t-talbiet fil-konfront tal-konvenut Direttur Registru Pubbliku, u ghalhekk il-gudizzju huwa wiehed integru.

Rat li l-partijiet irrimettew rwiehhom ghall-provi gia' prodotti, u talbu lill-Qorti tghaddi ghas-sentenza.

Rat in-nota tal-attur datata11 ta' Dicembru, 2020, fejn indika d-dettalji tieghu biex dawn jitnizzlu fic-certifikat tat-twelid tal-minuri.

**IKKUNSIDRAT**

Illi l-fatti tal-kaz odjern huma, fil-qosor, is-segwenti. Il-konvenuti E u CD kienu mizzewgin ghal tul ta' zmien, u waqt il-proceduri ta' separazzjoni bejniethom, l-attur kellu relazzjoni intima ma'  CD. Minn din ir-relazzjoni twieled tifel bl-isem FD, li ghalhekk gie registrat bhala l-wild ta' FD. L-attur issa qed ifittex li l-wild jigi registrat fuq ismu bhala l-missier naturali tieghu.

Dawn il-fatti huma ammessi minn CD, u peress illi ED naqas milli jidher jew iwiegeb ghall-kawza ta' AB, il-Qorti sejra tqis dawn il-fatti bhala mhux kontestati. Barra minn hekk, l-attur kien ukoll ipprezenta dokumenti flimkien mal-kawza, fost liema hemm test tad-DNA maghmul minn Dr Marisa Cassar, minn liema jirrizulta b'mod car u univoku li l-wild F huwa t-tifel tal-attur. Din il-prova wehidha hija fil-fatt bizzejjed sabiex il-kawza tal-attur tintlaqa'. Inoltre, bl-istess ammissjoni tal-konvenuta CD, omm il-minuri, il-Qorti ghandha aktar serhan tal-mohh li l-wild ghalhekk jista' jiehu l-kunjom tal-attur, u dan anke in vista tal-fatt li l-istess minuri ghadu ta' eta' tenera u mhux ser isofri xi pregudizzju b'dan it-tibdil fil-kunjom tieghu.

Ghalhekk il-Qorti tista' tghaddi ghas-sentenza u tilqa' t-talbiet kollha attrici.

**DECIDE**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti;

Tilqa' t-talbiet attrici. Tiddikjara illi l-minuri F maghruf bil-kunjom D, huwa iben ir-rikorrent, u mhux iben il-konvenut ED.

Tordna li l-att tat-twelid numru 4644 tas-sena 2017 jigi korrett fis-sens illi jigi imnehhi mil-kolonni rigwardanti, taghrif dwaa missier it-tarbija, isem u kunjom l-konvenut ED, il-professjoni, l-eta' u l-konnotati dwar fejn l-istess konvenut fejn twieled u joqghod u dwar missier il- konvenut, u tigi inkluza isem u kunjom l-attur, b' mod li t-tarbija F jigi dikjarat ibnu.
Tordna, ghalhekk, lid-Direttur tar-Registu Pubbliku, illi jaghmel dawn il-korrezzjonijiet u annotazzjonijiet, u kull korrezzjoni u annotazzjoni relattiva u necessarja fl-imsemmija att tat-twelid, hekk kif indikati fin-nota tal-attur datata 11 ta' Dicembru, 2020.

L-ispejjez ghandhom jigu sopportati bejn l-attur u l-konvenuta CD.

**Imhallef** | **Cettina Gauci**

**Onor. Anthony Vella** | **Dep Reg**